



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 23.1.2008
KUMM(2008) 17 finali

2008/0014 (COD)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**dwar l-isforz ta' l-Istati Membri biex inaqqsu l-emissjonijiet tagħhom tal-gassijiet serra
biex jonoraw l-impenji tal-Komunità għat-tnaqqis ta' l-emissjonijiet tal-gassijiet serra
sa l-2020**

(preżentata mill-Kummissjoni)

{KUMM(2008) 30 finali}
{SEG(2008) 85}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. INTRODUZZJONI

L-għan aħħari tal-Konvenzjoni ta' Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima, li ġiet approvata fisem il-Komunità Ewropea bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/69/KE tal-15 ta' Diċembru 1993¹ li tirrigwarda l-konklużjoni tal-Konvenzjoni ta' Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC), huwa li jiġu stabbilizzati l-konċentrazzjonijiet tal-gassijiet serra fl-atmosfera għal livell li jipprevjeni ndħil antropoġeniku perikoluż fis-sistema tal-klima.

Bosta drabi, il-Komunità enfasizzat li, sabiex jintlaħaq dan l-għan, iż-żieda globali annwali fit-temperatura medja tal-wiċċ ma għandhiex taqbeż il-livelli preindustrijali b'aktar minn 2°C. Dan jimplika li l-emissjonijiet globali tal-gassijiet serra għandhom jitnaqqsu sa mill-inqas 50 % inqas mill-livelli ta' l-1990 sa l-2050. Is-setturi kollha ta' l-ekonomija għandhom jikkontribwixxu għat-twettiq ta' dan it-tnaqqis ta' emissjonijiet. Il-pajjiżi żviluppatti għandhom ikompli jmexxu, billi jimpenjaw ruħhom biex inaqqsu b'mod kollettiv l-emissjonijiet tagħhom tal-gassijiet serra bi 30 % sa l-2020 meta mqabbel ma' l-emissjonijiet fl-1990.

F'dan il-kuntest, il-Kunsill Ewropew, waqt laqgħa tiegħu f'Marzu 2007, approva l-għan ta' l-UE ta' tnaqqis bi 30 % ta' l-emissjonijiet tal-gassijiet serra sa l-2020 meta mqabbel ma' l-1990 bħala l-kontribut tiegħu għal ftehim global u komprensiv għall-perjodu wara l-2012, sakemm pajjiżi żviluppatti oħrajn jimpenjaw ruħhom ukoll fi tnaqqis ta' emissjonijiet komparabbli, u sakemm il-pajjiżi li huma l-aktar ekonomikament avvanzati fost dawk li qed jiżviluppaw jimpenjaw ruħhom biex jikkontribwixxu b'mod adegwat skond ir-responsabbiltajiet u l-kapaċitajiet tagħhom.

Il-Kunsill Ewropew enfasizza wkoll li l-UE hija impenjata li tittrasforma lill-Ewropa f'ekonomija effiċjenti ħafna fl-enerġija u b'emissjonijiet tal-gassijiet serra baxxi, u ddeċiediet li, sakemm ikun konkluż qbil globali u komprensiv wara l-2012, u mingħajr preġudizzju għall-pożizzjoni tagħha fin-negożjati internazzjonali, l-UE tagħmel impenn sod indipendenti biex tilħaq tnaqqis ta' tal-anqas 20 % fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra sa l-2020 meta mqabbla ma' l-1990.

Biex dan isir b'mod ekonomiku, dan it-tnaqqis b'20 % ta' l-emissjonijiet tal-gassijiet serra sa l-2020 meta mqabbla mal-livelli ta' l-1990, politiki u miżuri addizzjonali għandhom jiġu implimentati biex ikunu limitati iktar l-emissjonijiet tal-gassijiet serra minn sorsi mhux koperti fl-iskema ta' skambji ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ta' l-UE (ETS ta' l-UE)² għal-livelli stabbiliti fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

L-isforz ta' kull Stat Membru biex jikkontribwixxu għall-onorar ta' l-impenji tal-Komunità għat-tnaqqis ta' l-emissjonijiet tal-gassijiet serra sa l-2020 permezz tal-limitazzjoni ta' l-emissjonijiet tal-gassijiet serra minn sorsi mhux koperti fl-ETS ta' l-UE għandu jkun determinat skond il-livell ta' l-emissjonijiet tal-gassijiet serra ta' l-Istat Membru matul l-2005, li huwa d-dejta verifikata disponibbli l-iktar riċenti dwar dawn l-emissjonijiet.

¹ ĠU L 33, 7.2.1994, p. 11.

² Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE, ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32. Id-Direttiva kif emendata bid-Direttiva 2004/101/KE (ĠU L 338, 13.11.2004, p. 18).

2. AMBITU: KONTRIBUZZJONI GĦAT-TNAQQIS TA' L-EMISSJONIJIET TAL-GASSIJET SERRA MINN SETTURI LI MHUMIEX INKLUŻI FL-ETS TA' L-UE BIEX TINTLAĦAQ IL-MIRA GLOBALI TA' L-UE.

Din id-Deċiżjoni tiddetermina l-kontribut ta' l-Istati Membri biex jonoraw l-impenji tal-Komunità għat-tnaqqis ta' l-emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-2013 sa l-2020 għall-emissjonijiet tal-gassijiet serra minn sorsi mhux inklużi fid-Direttiva 2003/87/KE (sorsi mhux inklużi fl-ETS ta' l-UE). Tipprovdi għall-valutazzjoni tat-tnaqqis ta' l-emissjonijiet li diġà jkun sar wara l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni. Tippromwovi wkoll il-flessibbiltà fit-twettiq ta' dan l-isforz permezz ta' l-użu ta' tnaqqis f'emissjonijiet iċċertifikat bħala riżultat ta' proġetti tal-mekkaniżmu ta' l-iżvilupp nadif skond l-Artikolu 12 tal-Protokoll ta' Kyoto u riżultat ta' l-attivitajiet tat-tnaqqis ta' l-emissjonijiet fil-pajjiżi terzi għall-implimentazzjoni ta' dan l-isforz.

L-implimentazzjoni mill-Istati Membri ta' miżuri madwar l-UE mhux inklużi fl-ETS ta' l-UE tikkontribwixxi għall-ilħiq tal-mira f'kull Stat Membru.

3. TQASSIM TA' L-ISFORZI: BILANĊ ĠUST FOST L-ISTATI MEMBRI

Sforzi ta' tnaqqis mill-Istati Membri għandhom ikunu bbażati fuq il-prinċipju tas-solidarjetà bejn l-Istati Membri u l-ħtieġa għal tkabbir ekonomiku sostenibbli madwar il-Komunità, filwaqt li jitqies il-PGD *per capita* relattiv ta' l-Istati Membri. L-Istati Membri li bħalissa għandhom PGD *per capita* relattivament baxx, u għalhekk għandhom aspettativi għoljin għat-kabbir tal-PGD, jistgħu jżidu fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra tagħhom meta mqabbla ma' l-2005. Madankollu, dawn il-miri jibqgħu jirrappreżentaw limitu għall-emissjonijiet tagħhom u jobbligaw lil dawk l-Istati Membri jieħdu miżuri biex jillimitaw iż-żieda fl-emissjonijiet tagħhom. L-Istati Membri li bħalissa għandhom PGD *per capita* relattivament għoli jkollhom inaqqsu l-emissjonijiet tagħhom tal-gassijiet serra meta mqabbla ma' l-2005.

Biex ikompli jiġi żgurat kontribut ġust minn kull Stat Membru għall-implimentazzjoni ta' l-impenn indipendenti tal-Komunità biex ikollha tnaqqis ta' talanqas 20 % fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra sa l-2020 meta mqabbla ma' l-1990, l-ebda pajjiż m'għandu jkollu jnaqqas l-emissjonijiet tal-gassijiet serra fl-2020 għal aktar minn 20 % inqas mil-livelli ta' l-2005, u l-ebda pajjiż m'għandu jitħalla jżid l-emissjonijiet tal-gassijiet serra fl-2020 għal aktar minn 20 % ogħla mil-livelli ta' l-2005.

Tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra għandu jsir bejn l-2013 u l-2020. Din il-proposta tippermetti lil kull Stat Membru jittrasferixxi mis-sena ta' wara ammont daqs 2 % tal-limitu ta' l-emissjonijiet tal-gassijiet serra ta' dak l-Istat Membru. Tippermetti wkoll lil Stat Membru li għandu livell ta' emissjonijiet inqas mil-limitu biex jittrasferixxi t-tnaqqis żejjed ta' l-emissjonijiet għas-sena ta' wara.

4. L-UŻU TA' KREDITI MINN PROĠETTI F'PAJJIŻI TERZI

Biex tipprovdi għall-flessibbiltà għall-Istati Membri fl-implimentazzjoni ta' l-impenji tagħhom, biex tippromwovi l-iżvilupp sostenibbli fil-pajjiżi terzi, b'mod partikolari fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw, kif ukoll biex tipprovdi ċertezza għall-investituri, il-Komunità għandha tkompli tirrikonoxxi l-krediti mill-proġetti ta' tnaqqis ta' l-emissjonijiet tal-gassijiet serra fil-pajjiżi terzi, anke qabel ma jintlaħaq ftehim internazzjonali fil-ġejjieni dwar it-tibdil fil-klima. L-użu ta' dawn il-krediti għandu jkun konsistenti ma' l-għanijiet ta' l-UE li jkollha

rwol ta' mexxejja fil-qasam tal-klima permezz ta' tnaqqis sinifikanti ta' l-emissjonijiet tal-gassijiet serra internament, li tiġġenera 20 % mill-enerġija tagħha minn sorsi rinnovabbli sa' l-2020, u li tippromwovi s-sigurtà ta' l-enerġija tagħha kif ukoll l-innovazzjoni u l-kompetittività tagħha.

Għalhekk l-Istati Membri għandhom ikunu kapaċi jużaw il-kreditu tat-tnaqqis ta' l-emissjonijiet tal-gassijiet serra li jirriżultaw minn proġetti tal-Mekkaniżmu ta' l-Iżvilupp Nadif (CDM), li saru għat-tnaqqis li sar matul il-perjodu 2008-2012, u li jirriżultaw minn tipi ta' proġetti li kienu aċċettati mill-Istati Membri kollha matul dak il-perjodu. L-Istati Membru għandhom ikunu kapaċi wkoll jużaw dawn il-kreditu għat-tnaqqis mill-proġetti CDM li saru wara dan il-perjodu u li jirriżultaw minn proġetti reġistrati u implimentati matul il-perjodu 2008-2012, u li jirriżultaw mit-tipi ta' proġetti aċċettati mill-Istati Membri kollha matul dak il-perjodu.

Ftit li xejn proġetti CDM ġew implimentati fil-Pajjiżi l-Inqas Żviluppatti (LDCs). Il-Komunità tappoġġa l-firxa ġusta tal-proġetti CDM, inkluż permezz ta' l-Alleanza Globali dwar it-Tibdil fil-Klima³. Għalhekk huwa xieraq li tingħata ċ-ċertezza dwar l-aċċettazzjoni ta' kreditu minn proġetti li jibdew wara l-perjodu 2008-2012 fl-LDCs, għal tipi ta' proġetti li jkunu aċċettati mill-Istati Membri matul il-perjodu 2008-2012. Din l-aċċettazzjoni għandha tkompli sa l-2020 jew sa l-ilhik ta' ftehim mal-Komunità, ikun liema jkun li jiġi l-ewwel.

Sabiex ikun hemm aktar flessibilità u biex ikun promoss l-iżvilupp sostenibbli fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw, għandu jkun previst l-użu mill-Istati Membri ta' kreditu addizzjonali mill-proġetti ta' kwalità għolja permezz ta' ftehimiet konklużi mill-Komunità ma' pajjiżi terzi. Ftehimiet ta' dan it-tip jistgħu jkunu applikabbli għal iktar minn pajjiż wieħed. Mingħajr ftehim internazzjonali fil-ġejjieni dwar it-tibdil fil-klima li jiddetermina l-ammont allokati għall-pajjiżi żviluppatti, proġetti ta' Implimentazzjoni Konġunta (JI) ma jistgħux jtkomplew wara l-2012. Madankollu, il-kreditu tat-tnaqqis ta' l-emissjonijiet tal-gassijiet serra li jirriżultaw minn proġetti bħal dawn jistgħu jkomplu jkunu rikonoxxuti permezz ta' ftehimiet ma' pajjiżi terzi.

Il-kapaċità kontinwa li l-Istati Membru jkunu jistgħu jużaw il-kreditu CDM hija importanti biex tgħin għall-iżgurar ta' suq għal dawk il-kreditu wara l-2012. Biex ikun żgurat dan is-suq kif ukoll iktar tnaqqis ta' l-emissjonijiet tal-gassijiet serra fi ħdan l-UE, u b'hekk iktar implimentazzjoni ta' l-għanijiet Komunitarji dwar l-enerġija rinnovabbli, is-sigurtà fl-enerġija, l-innovazzjoni u l-kompetittività, huwa propost li l-użu annwali mill-Istati Membri tal-kreditu mill-proġetti ta' tnaqqis ta' l-emissjonijiet tal-gassijiet serra fil-pajjiżi terzi, għandu jkun limitat għal 3 % ta' l-emissjonijiet ta' kull Stat Membru minn sorsi mhux inklużi fl-ETS fl-2005, sakemm jintlaħaq ftehim internazzjonali ġdid dwar it-tibdil fil-klima. Dan l-ammont huwa daqs terz mill-isforz ta' tnaqqis fl-2020. Kull Stat Membru għandu jitħalla jittrasferixxi l-parti mhux użata ta' dan il-limitu għal Stati Membri oħra.

³ Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew - Il-bini ta' Alleanza Globali dwar it-Tibdil fil-Klima bejn l-Unjoni Ewropea u pajjiżi fqar li qed jiżviluppaw li huma l-aktar vulnerabbli għat-tibdil fil-klima, COM(2007) 540 finali, 18.9.2007.

5. TIBDIL WARA FTEHIM INTERNAZZJONALI

F'dan il-kuntest, il-Kunsill Ewropew approva l-għan ta' l-UE ta' tnaqqis bi 30 % ta' l-emissjonijiet tal-gassijiet serra sa l-2020 meta mqabbel ma' l-1990 bħala l-kontribut tiegħu għal ftehim globali u komprensiv għall-perjodu wara l-2012, sakemm pajjiżi żviluppati oħrajn jimpenjaw ruħhom ukoll fi tnaqqis ta' emissjonijiet komparabbli u sakemm il-pajjiżi li huma l-aktar ekonomikament avvanzati fost dawk li qed jiżviluppaw jimpenjaw ruħhom biex jikkontribwixxu b'mod adegwat skond ir-responsabbiltajiet u l-kapaċitajiet tagħhom.

Wara l-konklużjoni mill-Komunità ta' ftehim internazzjonali fil-ġejjieni dwar it-tibdil fil-klima, il-limiti ta' emissjonijiet ta' l-Istati Membri għandhom ikunu aġġustati abbażi ta' l-impenn ġdid Komunitarju dwar it-tnaqqis ta' l-emissjonijiet tal-gassijiet serra, stabbilit f'dak il-ftehim. L-ammont totali ta' tnaqqis addizzjonali ta' l-emissjonijiet tal-gassijiet serra li jinħtieġu biex ikun onorat dan l-impenn aktar ambizzjuż dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet serra, għandu jkun mifrux bejn sorsi koperti u dawk mhux inklużi fl-ETS ta' l-UE, fejn is-sorsi mhux inklużi huma mistennija jikkontribwixxu għall-impenn tal-Komunità għat-tnaqqis ta' l-emissjonijiet tagħha b'talanqas 20 % sa l-2020.

Sabiex ikun żgurat li firxa ġusta ta' dan l-isforz addizzjonali għat-tnaqqis bejn l-Istati Membri għas-sorsi mhux inklużi fl-ETS ta' l-UE, kull Stat Membru se jikkontribwixxi għal dan l-isforz b'mod proporzjonat mas-sehem li jkollu fil-Komunità rigward l-emissjonijiet totali minn sorsi mhux inklużi fl-ETS ta' l-UE għas-sena 2020 skond l-impenn indipendenti Komunitarju għat-tnaqqis ta' l-emissjonijiet tal-gassijiet serra b'talanqas 20 %.

Barra minn hekk, għandhom ikunu iżjed għoljin il-limiti għall-użu ta' krediti prodotti minn proġetti f'pajjiżi terzi. Din iż-żieda għandha tkun daqs nofs l-isforz addizzjonali għat-tnaqqis skond il-ftehim internazzjonali. La jintlaħaq ftehim internazzjonali fil-ġejjieni dwar it-tibdil tal-klima, l-Istati Membri għandhom jaċċettaw biss krediti ta' tnaqqis ta' emissjonijiet mill-pajjiżi li jkunu rratifikaw dak il-ftehim u soġġett għal approċċ komuni.

6. IMPLIKAZZJONIJIET TA' TIBDIL FL-AMBITU TA' L-EU ETS

Kwalunkwe aġġustament fil-firxa ta' l-ETS ta' l-UE għandu jkun pari ma' l-aġġustament korrispondenti fl-ammont massimu ta' emissjonijiet minn sorsi inklużi f'din id-Deċiżjoni.

7. IL-MONITORAĠĠ, IR-RAPPURTAR, IL-VERIFIKA

L-Istati Membri għandhom, fir-rapporti annwali tagħhom sottomessi skond l-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni 280/2004/KE, jirrapportaw l-emissjonijiet annwali tagħhom li jirriżultaw mill-implimentazzjoni ta' l-Artikolu 3 u l-użu tal-kreditu skond l-Artikolu 4. L-Istati Membri għandhom jissottomettu wkoll aġġornament tal-progress ippjanat qabel l-1 ta' Lulju 2016.

Il-Kummissjoni għandha, fir-rapport li tissottometti skond l-Artikolu 5(1) tad-Deċiżjoni 280/2004/KE, tevalwa jekk il-progress ikun suffiċjenti biżżejjed biex ikunu onorati l-impjenji taħt din id-Deċiżjoni.

Din il-valutazzjoni għandha tqis il-progress fil-politiki u miżuri Komunitarji u l-informazzjoni mill-Istati Membri skond l-Artikoli 3 u 5 tad-Deċiżjoni 280/2004/KE.

Kull sentejn, bil-bidu fl-2013, il-valutazzjoni għandha tinkludi wkoll il-progress previst tal-Komunità u ta' l-Istati Membri lejn l-onorar ta' l-impenji tagħhom taħt din id-Deċizzjoni.

Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport ta' valutazzjoni ta' l-implimentazzjoni ta' din id-Deċizzjoni. Il-Kummissjoni għandha tissottometti dan ir-rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sal-31 ta' Ottubru 2016, flimkien ma' proposti kif jixraq.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar l-isforz ta' l-Istati Membri biex inaqqsu l-emissjonijiet tagħhom tal-gassijiet serra biex jonoraw l-impenji tal-Komunità għat-tnaqqis ta' l-emissjonijiet tal-gassijiet serra sa l-2020

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 175(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni⁴,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew⁵,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regjuni⁶,

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat⁷,

Billi:

- (1) L-għan aħħari tal-Konvenzjoni ta' Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima, li ġiet approvata fisem il-Komunità Ewropea bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/69/KE tal-15 ta' Diċembru 1993⁸ li tirrigwarda l-konklużjoni tal-Konvenzjoni ta' Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC), huwa li jiġu stabbilizzati l-konċentrazzjonijiet tal-gassijiet serra fl-atmosfera għal livell li jipprevjeni ndħil antropoġeniku perikoluż fis-sistema tal-klima.
- (2) L-opinjoni tal-Komunità, espressa l-aħħar mill-Kunsill dwar l-Ambjent fil-laqgħa tiegħu tal-5 ta' Novembru 2007 fi Brussell, hija li sabiex jitlaħaq dan l-għan, iż-żieda globali annwali fit-temperatura medja tal-wiċċ ma għandhiex taqbeż il-livelli preindustrijali b'aktar minn 2°C. Dan jimplika li l-emissjonijiet globali tal-gassijiet serra għandhom jitnaqqsu sa mill-inqas 50 % inqas mill-livelli ta' l-1990 sa l-2050. Is-setturi kollha ta' l-ekonomija għandhom jikkontribwixxu għat-twettiq ta' dan it-tnaqqis ta' emissjonijiet. Il-pajjiżi żviluppatti għandhom ikomplu jmessu, billi jimpenjaw ruħhom biex inaqqsu b'mod kollettiv, l-emissjonijiet tagħhom tal-gassijiet serra bi 30 % sa l-2020 meta mqabbel ma' l-emissjonijiet fl-1990.

⁴ ĠU C , , p .

⁵ ĠU C , , p .

⁶ ĠU C , , p .

⁷ ĠU C , , p .

⁸ ĠUL 33, 7.2.1994, p. 11.

- (3) Biex jintlaħaq dan l-għan, il-Kunsill Ewropew, waqt laqgħa tiegħu fit-8 u d-9 ta' Marzu 2007 fi Brussell, approva l-għan tal-Komunità ta' tnaqqis bi 30 % ta' l-emissjonijiet tal-gassijiet serra sa l-2020 meta mqabbel ma' l-1990 bħala l-kontribut tiegħu għal ftehim global u komprensiv għall-perjodu wara l-2012, sakemm pajjiżi żviluppatti oħrajn jimpenjaw ruħhom ukoll fi tnaqqis ta' emissjonijiet komparabbli, u sakemm il-pajjiżi li huma l-aktar ekonomikament avvanzati fost dawk li qed jiżviluppaw jimpenjaw ruħhom biex jikkontribwixxu b'mod adegwat skond ir-responsabbiltajiet u l-kapaċitajiet tagħhom.
- (4) Il-Kunsill Ewropew enfasizza li l-Komunità hija impenjata li tittrasforma lill-Ewropa f'ekonomija effiċjenti ħafna fl-enerġija u b'emissjonijiet tal-gassijiet serra baxxi u ddeċiediet li, sakemm ikun konkluż ftehim globali u komprensiv għall-perjodu wara l-2012, u mingħajr preġudizzju għall-pożizzjoni tagħha fin-negozjati internazzjonali, il-Komunità tagħmel impenn sod indipendenti biex tilħaq tnaqqis ta' talanqas 20% fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra sa l-2020 meta mqabbla ma' l-1990.
- (5) Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2003/87/KE tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE⁹ stabbiliet sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet tal-gassijiet serra fil-Komunità, li tkopri ċerti setturi ta' l-ekonomija.. Sabiex jintlaħaq, b'mod ekonomiku, l-għan ta' tnaqqis ta' 20 % fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra sa l-2020 meta mqabbla mal-livelli ta' l-1990, is-setturi kollha ta' l-ekonomija għandhom jikkontribwixxu għat-tweqqif ta' dan it-tnaqqis ta' emissjonijiet. Għalhekk, l-Istati Membri għandhom jimplementaw politiki u miżuri addizzjonali bi sforz li jillimitaw iktar l-emissjonijiet tal-gassijiet serra minn sorsi mhux inklużi fid-Direttiva 2003/87/KE.
- (6) L-isforz ta' kull Stat Membru għandu jkun determinat skond il-livell ta' l-emissjonijiet tiegħu tal-gassijiet serra fl-2005, li hija l-aħħar sena li għaliha hemm disponibbli dejta verifikata dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet serra.
- (7) Sforzi ta' tnaqqis mill-Istati Membri għandhom ikunu bbażati fuq il-prinċipju tas-solidarjetà bejn l-Istati Membri u l-ħtieġa għal tkabbir ekonomiku sostenibbli madwar il-Komunità, filwaqt li jitqies il-PGD *per capita* relattiv ta' l-Istati Membri. L-Istati Membri li bħalissa għandhom PGD *per capita* relattivament baxx, u għalhekk għandhom aspettativi għoljin għat-tkabbir tal-PGD, jistgħu jżidu fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra tagħhom meta mqabbla ma' l-2005, iżda għandhom jillimitaw din iż-żieda fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra biex jikkontribwixxu għall-impenn tat-tnaqqis globali tal-Komunità. L-Istati Membri li bħalissa għandhom PGD *per capita* relattivament għoli jkollhom inaqqsu l-emissjonijiet tagħhom tal-gassijiet serra meta mqabbla ma' l-2005.
- (8) Biex tkun żgurata firxa ġusta ta' l-isforzi madwar l-Istati Membri għall-kontribut għall-implimentazzjoni ta' l-impenn indipendenti tal-Komunità, l-ebda Stat Membru m'għandu jkollu jnaqqas l-emissjonijiet tal-gassijiet serra fl-2020 għal aktar minn 20 % inqas mil-livelli ta' l-2005, u l-ebda Stat Membru m'għandu jitħalla jżid l-emissjonijiet tal-gassijiet serra fl-2020 għal aktar minn 20 % ogħla mil-livelli ta' l-

⁹ ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32. Id-Direttiva kif emendata bid-Direttiva 2004/101/KE (ĠU L 338, 13.11.2004, p. 18).

2005. It-tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra għandu jsir bejn l-2013 u l-2020, fejn kull Stat Membru jitħalla jittrasferixxi ammont daqs 2 % tal-limitu ta' l-emissjonijiet tal-gassijiet serra ta' dak l-Istat Membru mis-sena ta' wara u Stat Membru li għandu emissjonijiet inqas minn dak il-limitu jitħalla jittrasferixxi t-tnaqqis żejjed ta' l-emissjonijiet għas-sena ta' wara.

- (9) Biex tipprowdi għall-flessibbiltà għall-Istati Membri fl-implimentazzjoni ta' l-impenji tagħhom, biex tippromwovi l-iżvilupp sostenibbli fil-pajjiżi terzi, b'mod partikolari fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw, u biex tipprowdi ċertezza għall-investituri, il-Komunità għandha tkompli tirrikonoxxi ċertu ammont ta' krediti mill-proġetti ta' tnaqqis ta' l-emissjonijiet tal-gassijiet serra fil-pajjiżi terzi, qabel ma jintlaħaq ftehim internazzjonali fil-ġejjieni dwar it-tibdil fil-klima. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-politiki tagħhom dwar l-akkwist ta' dawn il-krediti jtejbu l-firxa ġeografika ġusta tal-proġetti u jtejbu l-ilħiq ta' ftehim internazzjonali fil-ġejjieni dwar it-tibdil fil-klima.
- (10) Għalhekk l-Istati Membri għandhom ikunu kapaċi jużaw il-kreditu tat-tnaqqis ta' l-emissjonijiet tal-gassijiet serra li jsir matul il-perjodu 2008-2012 u li jirriżultaw minn tipi ta' proġetti li jkunu aċċettati mill-Istati Membri kollha matul dak il-perjodu. L-Istati Membru għandhom ikunu kapaċi wkoll jużaw dawn il-kreditu għat-tnaqqis li jsir wara il-perjodu 2008-2012 u li jirriżultaw minn proġetti reġistrati u implimentati matul il-perjodu 2008-2012 u li jirriżultaw mit-tipi ta' proġetti ('kategoriji tal-proġetti') aċċettati mill-Istati Membri kollha matul dak il-perjodu.
- (11) Ftit li xejn mill-proġetti tal-mekkaniżmu ta' l-iżvilupp nadif (CDM) ġew implimentati fil-Pajjiżi l-Inqas Żviluppati (LDCs). Billi l-Komunità tappoġġa l-firxa ġusta tal-proġetti CDM, inkluża l-Alleanza Globali dwar it-Tibdil fil-Klima tal-Kummissjoni¹⁰, huwa xieraq li tingħata ċertezza dwar l-aċċettazzjoni ta' krediti minn proġetti li jibdwew wara l-perjodu 2008 sa 2012 fl-LDCs, għat-tipi ta' proġetti li kienu aċċettati mill-Istati Membri kollha matul il-perjodu 2008 sa 2012. Dik l-aċċettazzjoni għandha tkompli sa l-2020 jew sa l-ilħiq ta' ftehim mal-Komunità, ikun liema jkun li jiġi l-ewwel.
- (12) Sabiex ikun hemm aktar flessibbiltà u biex ikun promoss l-iżvilupp sostenibbli fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jużaw krediti addizzjonali mill-proġetti permezz ta' ftehimiet konklużi mill-Komunità ma' pajjiżi terzi. Mingħajr ftehim internazzjonali fil-ġejjieni dwar it-tibdil fil-klima li jiddetermina l-ammont allokati għall-pajjiżi żviluppati, proġetti ta' Implimentazzjoni Konġunta (JI) ma jistgħux jtkomplew wara l-2012. Madankollu, il-kreditu tat-tnaqqis ta' l-emissjonijiet tal-gassijiet serra li jirriżultaw minn proġetti bħal dawn għandhom ikomplu jkunu rikonoxxuti permezz ta' ftehimiet ma' pajjiżi terzi.
- (13) Il-kapaċità kontinwa li l-Istati Membru jkunu jistgħu jużaw il-kreditu CDM hija importanti biex tgħin għall-iżgurar ta' suq għal dawki il-kreditu wara l-2012. Biex ikun żgurat dan is-suq kif ukoll iktar tnaqqis ta' l-emissjonijiet tal-gassijiet serra fi ħdan il-Komunità, u b'hekk iktar implimentazzjoni ta' l-għanijiet Komunitarji dwar l-enerġija rinnovabbli, is-sigurtà ta' l-enerġija, l-innovazzjoni u l-kompetittività, huwa propost li l-użu annwali mill-Istati Membri tal-kreditu mill-proġetti ta' tnaqqis ta' l-emissjonijiet

¹⁰ Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew - Il-bini ta' Alleanza Globali dwar it-Tibdil fil-Klima bejn l-Unjoni Ewropea u pajjiżi fqar li qed jiżviluppaw li huma l-aktar vulnerabbli għat-tibdil fil-klima, COM(2007) 540 finali, 18.9.2007.

tal-gassijiet serra fil-pajjiżi terzi, għandu jkun limitat għal 3 % ta' l-emissjonijiet ta' kull Stat Membru minn sorsi mhux inklużi fid-Direttiva 2003/87/KE fl-2005, sakemm jintlaħaq ftehim internazzjonali ġdid dwar it-tibdil fil-klima. Dan l-ammont huwa daqs terz mill-isforz tat-tnaqqis fl-2020. L-Istati Membri għandhom jitħallew jittrasferixxu l-parti mhux użata ta' dan l-ammont għal Stati Membri oħra.

- (14) La jintlaħaq ftehim internazzjonali fil-ġejjieni dwar it-tibdil fil-klima, l-Istati Membri għandhom jaċċettaw biss krediti ta' tnaqqis ta' emissjoni mill-pajjiżi li jkunu rratifikaw dak il-ftehim u soġġett għal approċċ komuni.
- (15) Il-progress li jsir fl-implimentazzjoni ta' l-impenji taħt din id-Deċiżjoni għandhom ikunu valutati kull sena abbażi ta' rapporti sottomessi taħt id-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 280/2004/KE tal-11 ta' Frar 2004 li tikkonċerna l-mekkaniżmu għall-monitoraġġ [ta'] l-emissjonijiet ta' gass serra tal-Komunità u biex jiġi implimentat il-Protokoll ta' Kyoto¹¹. Kull sentejn għandha ssir valutazzjoni dwar il-progress previst u għandha ssir evalwazzjoni kompluta ta' l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni fl-2016.
- (16) Kwalunkwe aġġustament fil-firxa tad-Direttiva 2003/87/KE għandu jkun pari ma' l-aġġustament korrispondenti fl-ammont massimu ta' emissjonijiet minn sorsi mhux inklużi f'din id-Deċiżjoni.
- (17) Bil-konklużjoni tal-Komunità dwar ftehim internazzjonali dwar it-tibdil tal-klima, il-limiti dwar l-emissjonijiet għall-Istati Membri għandha tkun aġġustata biex ikun onorat l-impenn tal-Komunità għat-tnaqqis ta' l-emissjoniet tal-gassijiet serra stabbilit f'dak il-ftehim, billi jitqies il-prinċipju tas-solidarjetà bejn l-Istati Membri u l-ħtieġa għal tkabbir ekonomiku sostenibbli madwar il-Komunità. L-ammont ta' krediti mill-proġetti tat-tnaqqis ta' l-emissjonijiet tal-gassijiet serra fil-pajjiżi terzi li kull Stat Membru jista' juża għandu jidded sa nofs l-isforz addizzjonali ta' tnaqqis minn sorsi mhux koperti bid-Direttiva 2003/87/KE.
- (18) Il-reġistri stabbiliti bid-Deċiżjoni 280/2004/KE u l-Amministratur Ċentrali maħtur bid-Direttiva 2003/87/KE, għandhom jintużaw għall-iżgurar ta' proċessar u kontabbiltà preċiżi tat-tranżazzjonijiet kollha fl-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.
- (19) Għandhom jiġu adottati l-miżuri neċessarji għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' l-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni¹². B'mod partikolari, is-setgħa għandha tkun konferita fuq il-Kummissjoni biex tadotta, wara l-iffirmar ta' ftehim internazzjonali, miżuri għall-aġġustament tal-limiti ta' emissjonijiet ta' l-Istati Membri, kif ukoll miżuri għall-użu ta' tipi addizzjonali ta' krediti ta' proġetti skond dak il-ftehim, u biex tadotta wkoll l-miżuri neċessarji biex ikunu sorveljati t-tranżazzjonijiet skond din id-Deċiżjoni. Peress li dawk il-miżuri għandhom ambitu ġenerali u ġew mfassla biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' din id-Deċiżjoni kif ukoll biex jissupplementaw din id-Deċiżjoni biż-żieda jew modifika ta' elementi ġodda mhux essenzjali, għandhom jiġu adottati

¹¹ ĠU L 49, 19.2.2004, p. 1.

¹² ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.

skond il-proċedura regolatorja bl-iskrutinju kif provduta fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

- (20) Peress li l-għanijiet ta' din id-Deċiżjoni ma jistgħux jitwettqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri li jaġixxu individwalment, u jistgħu għalhekk, minħabba l-iskala u l-effetti tagħhom, jintlaħqu aħjar fil-livell Komunitarju, il-Komunità tista' tadotta miżuri skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif imniżżel f'dak l-istess Artikolu, din id-Deċiżjoni ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jintlaħaq dak il-għan.

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1
Suġġett

Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi r-regoli dwar id-determinazzjoni tal-kontribut ta' l-Istati Membri biex jonoraw l-impenn tal-Komunità għat-tnaqqis ta' l-emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-2013 sa l-2020 għall-emissjonijiet tal-gassijiet serra minn sorsi mhux inklużi fid-Direttiva 2003/87/KE u l-evalwazzjoni tiegħu.

Artikolu 2
Tifsiriet

Għall-għan ta' din id-Deċiżjoni, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet kif stipulati fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 2003/87/KE.

Barra minn hekk, "emissjonijiet tal-gassijiet serra" għandha tfisser l-emissjoni tad-dijossidu tal-karbonju (CO₂), il-metanu (CH₄), l-ossidu nitruż (N₂O), il-karboni idrofluworidi (HFCs), il-karboni perfluworidi (PFCs), u l-ezafluworidu tal-kubrit (SF₆) minn sorsi, espressi f'termini ta' ekwivalenza mad-dijossidu tal-karbonju, kif determinati skond id-Direttiva 2003/87/EC.

Artikolu 3
Livelli ta' emissjonijiet għall-perjodu 2013 sa 2020

1. Sakemm jiġi konkluż mill-Komunità ftehim internazzjonali dwar it-tibdil fil-klima li jirriżulta fi tnaqqis ta' emissjonijiet ikbar minn dawk meħtieġa skond dan l-Artikolu, kull Stat Membru għandu, sa l-2020, jillimita l-emissjonijiet tiegħu tal-gassijiet serra minn sorsi mhux inklużi fid-Direttiva 2003/87/KE b'perċentwal stabbilit għal dak l-Istati Membru fl-Anness għal din id-Deċiżjoni skond l-emissjonijiet tiegħu fl-2005.
2. Soġġett għall-paragrafu 3 u l-Artikolu 4, kull Stat Membru għandu jiżgura li l-emissjonijiet totali tiegħu ta' gassijiet serra fl-2013 minn sorsi mhux koperti bid-Direttiva 2003/87/KE ma jaqbżux il-medja annwali ta' emissjonijiet tal-gassijiet serra ta' dak l-Istat Membru minn dawk is-sorsi matul l-2008, l-2009 u l-2010, kif irrappurtat u verifikat skond id-Direttiva 2003/87/KE u d-Deċiżjoni 280/2004/KE.

Soġġett għall-paragrafu 3 u l-Artikolu 4, kull Stat Membru għandu jillimita kull sena dawk l-emissjonijiet tal-gassijiet serra b'mod lineari biex ikun żgurat li dawk l-

emissjonijiet ma jaqbżux il-livell massimu għal dak l-Istat Membru fl-2020, kif spjegat fl-Anness.

3. Matul is-snin 2013 sa 2019, kull Stat Membru jista' jittrasferixxi mis-sena ta' wara ammont daqs 2 % tal-limitu ta' l-emissjonijiet tal-gassijiet serra ta' dak l-Istat Membru fil-paragrafu 2. Jekk l-emissjonijiet ta' Stat Membru jkunu inqas mil-limitu fil-paragrafu 2, jista' jittrasferixxi t-tnaqqis żejjed ta' l-emissjonijiet għas-sena ta' wara.

Artikolu 4

L-użu ta' krediti mill-attivitajiet tal-proġetti

1. Sa ma jidħol fis-seħħ ftehim internazzjonali fil-ġejjieni dwar it-tibdil fil-klima, l-Istati Membri jistgħu jużaw il-krediti li ġejjin għat-tnaqqis ta' l-emissjonijiet tal-gassijiet serra għall-implimentazzjoni ta' l-obbligi tagħhom fl-Artikolu 3:
 - (a) Tnaqqis ta' Emissjonijiet Ċertifikat (CERs) u Unitajiet ta' Tnaqqis ta' Emissjonijiet (ERUs) mogħtija skond it-tnaqqis ta' l-emissjonijiet sal-31 ta' Diċembru 2012 minn tipi ta' proġetti li jkunu ġew aċċettati mill-Istati Membri kollha skond id-Direttiva 2003/87/KE matul il-perjodu 2008 sa 2012.
 - (b) CERs mogħtija skond it-tnaqqis ta' l-emissjonijiet mill-1 ta' Jannar 2013 minn proġetti li jkunu reġistrati matul il-perjodu 2008 sa 2012 li t-tip ta' proġett tagħhom ikun aċċettat mill-Istati Membri kollha skond id-Direttiva 2003/87/KE matul il-perjodu 2008 sa 2012.
 - (c) CERs mogħtija skond it-tnaqqis ta' emissjonijiet li jinkiseb minn proġetti implimentati fil-Pajjiżi l-Inqas Żviluppati li t-tip ta' proġett tagħhom ikun aċċettat mill-Istati Membri kollha skond id-Direttiva 2003/87/KE matul il-perjodu 2008 sa 2012, sakemm daww il-pajjiżi jirratifikaw ftehim mal-Komunità jew sa l-2016, ikun liema jkun li jiġi l-ewwel.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-politiki tagħhom dwar l-akkwist ta' dawn il-krediti jtejbju l-firxa ġeografika ġusta tal-proġetti u jtejbju l-ilħiq ta' ftehim internazzjonali dwar it-tibdil tal-klima.

2. Minbarra l-paragrafu 1, u fil-każ li jidm biex jiġi konkluż ftehim internazzjonali dwar it-tibdil fil-klima, l-Istati Membri jistgħu, biex jimplimentaw l-obbligi tagħhom taħt l-Artikolu 3, jużaw krediti addizzjonali tat-tnaqqis ta' l-emissjonijiet tal-gassijiet serra minn proġetti jew attivitajiet oħra tat-tnaqqis ta' l-emissjonijiet skond il-ftehimiet msemmija fl-Artikolu 11a(5) tad-Direttiva 2003/87/KE.
3. Wara li jiġi konkluż ftehim internazzjonali fil-ġejjieni dwar it-tibdil fil-klima, l-Istati Membri jistgħu jużaw biss is-CERs mill-pajjiżi terzi li jkunu rratifikaw il-ftehim.
4. L-użu annwali tal-krediti minn kull Stat Membru skond il-paragrafi 1, 2 u 3 mgħandux jaqbeż l-ammont ta' 3 % ta' l-emissjonijiet tal-gassijiet serra ta' dak l-Istat Membru mhux kopert bid-Direttiva 2003/87/KE fl-2005.

Kull Stat Membru jista' jittrasferixxi l-parti mhux użata ta' dak l-ammont għal Stat Membru ieħor.

Artikolu 5
Il-valutazzjoni tal-progress fl-implimentazzjoni ta' l-impenji

1. L-Istati Membri għandhom, fir-rapporti annwali tagħhom sottomessi taħt l-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni 280/2004/KE, jirrapportaw l-emissjonijiet annwali tagħhom li jirriżultaw mill-implimentazzjoni ta' l-Artikolu 3 u l-użu tal-kreditu skond l-Artikolu 4.
2. Il-Kummissjoni għandha, fir-rapport li tissottometti taħt l-Artikolu 5(1) tad-Deċiżjoni 280/2004/KE, tevalwa jekk il-progress ikun suffiċjenti biex ikunu onorati l-impenji taħt din id-Deċiżjoni.

Il-valutazzjoni għandha tqis il-progress fil-politiki u miżuri Komunitarji u l-informazzjoni mill-Istati Membri skond l-Artikoli 3 u 5 tad-Deċiżjoni 280/2004/KE.

Kull sentejn, bil-bidu bl-emissjonijiet irrapportati għall-2013, il-valutazzjoni għandha tinkludi wkoll il-progress previst tal-Komunità u ta' l-Istati Membri lejn l-onorar ta' l-impenji tagħhom taħt din id-Deċiżjoni. L-Istati Membri għandhom jissottomettu aġġornament tal-progress ippjanat qabel l-1 ta' Lulju 2016.

Artikolu 6
L-aġġustamenti applikabbli wara l-konklużjoni ta' ftehim internazzjonali fil-ġejjieni dwar it-tibdil tal-klima

1. Il-paragrafi 2, 3 u 4 għandhom japplikaw wara l-iffirmar mill-Komunità ta' ftehim internazzjonali dwar it-tibdil tal-klima b'riżultat ta' tnaqqis mandatorju li jaqbeż dak skond l-Artikolu 3.
2. Mis-sena wara l-iffirmar tal-ftehim imsemmi fil-paragrafu 1, l-emissjonijiet tal-gassijiet serra fil-Komunità minn sorsi mhux koperti taħt id-Direttiva 2003/87/KE fl-2020 skond l-Artikolu 3(1) għandhom jtkomplu jitnaqqsu b'ammont daqs it-tnaqqis addizzjonali globali ta' l-emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-Komunità mis-sorsi kollha stabbiliti fil-ftehim internazzjonali għall-Komunità, immultiplikati bis-sehem tat-tnaqqis totali tal-Komunità ta' l-emissjonijiet tal-gassijiet serra għas-sena 2020 li jikkontribwixxu għalih l-Istati Membri permezz ta' tnaqqis ta' emissjonijiet tal-gassijiet serra minn sorsi mhux koperti fid-Direttiva 2003/87/KE skond l-Artikolu 3.
3. Kull Stat Membru għandu jikkontribwixxi għall-isforz tat-tnaqqis addizzjonali tal-Komunità fi proporzjon għas-sehem tiegħu ta' l-emissjonijiet totali tal-Komunità minn sorsi mhux koperti fid-Direttiva 2003/87/KE għas-sena 2020 skond l-Artikolu 3.

Il-Kummissjoni għandha temenda l-Anness biex taġġusta l-limiti ta' l-emissjonijiet skond l-ewwel subparagrafu. Dik il-miżura, imfassla sabiex temenda elementi mhux essenzjali ta' din id-Deċiżjoni, għandha tiġi adottata skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 9(2).

4. L-Istati Membri jistgħu jżidu l-użu tagħhom tal-kreditu tat-tnaqqis ta' l-emissjonijiet tal-gassijiet serra msemmija fl-Artikolu 4(4) minn pajjiżi terzi li jkunur ratifikaw il-ftehim imsemmi fil-paragrafu 1 u skond il-paragrafu 5 sa nofs it-tnaqqis addizzjonali li jsir skond il-paragrafu 2.

Kull Stat Membru jista' jittrasferixxi l-parti mhux użata ta' dak l-ammont għal Stat Membru ieħor.

5. Il-Kummissjoni għandha tadotta miżuri biex tippovdi għall-użu mill-Istati Membri ta' tipi addizzjonali ta' krediti ta' proġetti jew għall-użu mill-Istati Membri ta' mekkaniżmi oħra li jinħolqu skond il-ftehim internazzjonali, kif xieraq.

Dawk il-miżuri, li tfasslu sabiex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' din id-Deċiżjoni billi jżidu magħha, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 9(2).

Artikolu 7

Twessigħ ta' l-ambitu tad-Direttiva 2003/87/KE

L-ammont massimu ta' emissjonijiet taħt l-Artikolu 3 ta' din id-Deċiżjoni għandu jkun aġġustat skond l-ammont ta' kwoti għall-emissjonijiet tal-gassijiet serra li jingħataw skond l-Artikolu 11 tad-Direttiva 2003/87/KE li jirriżulta minn bidla fil-firxa tas-sorsi taħt dik id-Direttiva wara l-approvazzjoni finali mill-Kummissjoni tal-pjanijiet dwar l-allokazzjoni annwali għall-perjodu 2008 sa 2012 skond id-Direttiva 2003/87/KE.

Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-figuri li jirriżultaw minn dak it-tibdil.

Artikolu 8

Ir-Reġistri u l-Amministratur Ċentrali

1. Ir-reġistri ta' l-Istati Membri stabbiliti skond l-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni 280/2004/KE għandhom jiżguraw il-kontabbiltà preċiża tat-tranżazzjonijiet taħt din id-Deċiżjoni. Din l-informazzjoni għandha tkun aċċessibbli għall-pubbliku.
2. L-Amministratur Ċentrali maħtur bl-Artikolu 20 tad-Direttiva 2003/87/KE għandu jwettaq, permezz tar-reġistru indipendenti ta' tranżazzjonijiet, monitoraġġ ta' kull tranżazzjoni skond din id-Deċiżjoni, u fejn meħtieġ iwaqqaf xi tranżazzjonijiet biex ikun żgurat li ma jkunx hemm irregolaritajiet. Din l-informazzjoni għandha tkun aċċessibbli għall-pubbliku.
3. Il-Kummissjoni għandha tadotta l-miżuri meħtieġa biex timplimenta l-paragrafi 1 u 2.

Dawk il-miżuri, imfassla biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' din id-Deċiżjoni billi jissupplimentawha għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 9(2).

Artikolu 9

Il-Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi assistita mill-kumitat dwar it-tibdil fil-klima stabbilit bl-Artikolu 9 tad-Deċiżjoni 280/2004/KE.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5a u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jitqies l-Artikolu 8 tagħha.

Artikolu 10
Rapport

Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport ta' valutazzjoni ta' l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni. Il-Kummissjoni għandha tissottometti dak ir-rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sal-31 ta' Ottubru 2016, flimkien ma' proposti kif jixraq.

Artikolu 11
Id-dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 12

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, [...]

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

ANNEX
EMISSJONIJIET TAL-GASSIJET SERRA TA' L-ISTATI MEMBRI SKOND L-
ARTIKOLU 3

	Limiti ta' l-emissjonijiet tal-gassijiet serra ta' l-Istat Membru sa l-2020 kif imqabbel mal-livelli ta' l-emissjonijiet tal-gassijiet serra fl-2005 minn sorsi mhux koperti mid-Direttiva 2003/87/KE	L-emissjonijiet tal-gassijiet serra ta' l-Istat Membru fl-2020, wara l-implimentazzjoni ta' l-Artikolu 3 (f'tunnellati ekwivalenti tas-CO₂)
Il-Belġju	-15%	70954356
Il-Bulgarija	20%	35161279
Ir-Repubblika Ċeka	9%	68739717
Id-Danimarka	-20%	29868050
Il-Ġermanja	-14%	438917769
L-Estonja	11%	8886125
L-Irlanda	-20%	37916451
Il-Greċja	-4%	64052250
Spanja	-10%	219018864
Franza	-14%	354448112
L-Italja	-13%	305319498
Ċipru	-5%	4633210
Il-Latvja	17%	9386920
Il-Litwanja	15%	18429024
Il-Lussemburgu	-20%	8522041
L-Ungerija	10%	58024562
Malta	5%	1532621
L-Olanda	-16%	107302767
L-Awstrija	-16%	49842602

Il-Polonja	14%	216592037
Il-Portugall	1%	48417146
Ir-Rumanija	19%	98477458
Is-Slovenja	4%	12135860
Is-Slovakkja	13%	23553300
Il-Finlandja	-16%	29742510
L-Iżvezja	-17%	37266379
Ir-Renju Unit	-16%	310387829

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. ISEM IL-PROPOSTA:

Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-isforz ta' l-Istati Membri biex inaqqsu l-emissjonijiet tagħhom tal-gassijiet serra biex jonoraw l-impenji tal-Komunità għat-tnaqqis ta' l-emissjonijiet tal-gassijiet serra sa l-2020

2. IL-QAFAS ABM / ABB

Il-Qasam/Oqsma ta' Politika kkonċernati u assoċjati ma' l-Attività/Attivitajiet:

Qasam ta' Politika: 07 Ambjent

L-Attività ABB Kodiċi 0703: L-implimentazzjoni tal-politika u l-leġiżlazzjoni Komunitarji dwar l-ambjent

3. IL-LINJI TAL-BAĠIT

3.1. Linji tal-baġit (linji operattivi u linji ta' ghajjnuna teknika u amministrattiva relatati (ex-linji BA)) li jinkludu l-intestaturi:

Article 07 03 07 - LIFE+ (Strument Finanzjarju għall-Ambjent — 2007 sa 2013)

3.2. Tul ta' l-azzjoni u ta' l-impatt finanzjarju:

Għall-2009-2013 l-approprijazzjonijiet meħtieġa jiġu koperti bir-riżorsi diġà previsti għall-programm LIFE+. Minħabba li l-leġiżlazzjoni riveduta tidħol fis-seħħ biss mill-2013, u m'hemm l-ebda data għall-azzjoni, il-proposta se tkompli tkun ta' piż fuq il-baġit ta' l-UE wkoll wara din id-data, f'dak li għandu x'jaqsam mal-monitoraġġ u l-valutazzjoni ta' l-implimentazzjoni ta' l-impenji ta' l-Istati Membri (l-Artikolu 5) u l-aġġornament u l-manutenzjoni tar-reġistru indipendenti tat-tranżazzjonijiet tas-sistema (l-Artikolu 8).

Kwalunkwe riżors addizzjonali meħtieġ għall-monitoraġġ u l-valutazzjoni ta' l-implimentazzjoni ta' l-impenji kif meħtieġa mill-Artikolu 10 se jkun previst fil-kuntest ta' reviżjoni fil-ġejjieni tad-Deċiżjoni 280/2004/KE li tikkonċerna l-mekkaniżmu għall-monitoraġġ [ta'] l-emissjonijiet ta' gass serra tal-Komunità u biex jiġi implimentat il-Protokoll ta' Kyoto.

L-istima ta' l-impatti finanzjarji inklużi f'din id-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva tkopri dawk l-impatti għall-adattament tar-reġistru indipendenti tat-tranżazzjonijiet sabiex ikunu jistgħu jkunu mwettqa l-kompiti previsti, kif stipulat fl-Artikolu 8 u biex dan ikun aġġornat u miżmum wara.

3.3. Il-karatteristiċi baġitarji (żid ir-ringieli jekk ikun meħtieġ):

Linja tal-baġit	Tip ta' nefqa		Ġdida	Kontribuzzjon i ta' l-EFTA	Kontribuzzjonijiet mill-pajjiżi applikanti	L-intestatura fil-perspettiva finanzjarja
07 03 07	Mhux Oblig.	Diff	LE	LE	LE	Nru 2

4. SOMMARJU TAR-RIŻORSI

4.1. Riżorsi finanzjarji

4.1.1. Sommarju ta' l-appropriazzjonijiet ta' impenn (AI) u l-appropriazzjonijiet ta' ħlas (AH)

EUR miljun (sa 3 punti deċimali)

Tip ta' nefqa	Nru. tat-taqsim a		2009	2010	2011	2012	2013	2014 u wara	Totali
---------------	-------------------	--	------	------	------	------	------	-------------	--------

Spiża operattiva¹³

L-appropriazzjonijiet impenn (AI)	ta'	8.1.	a		0.750				0.750
L-appropriazzjonijiet ħlas (AH)	ta'		b		0.225		0.525		0.750

Nefqa amministrattiva inkluża fl-ammont ta' referenza¹⁴

Għajnuna teknika amministrattiva (NDA)	u	8.2.4.	c	0.000	0.000	0.000	0.000	0.000	0.000
--	---	--------	---	-------	-------	-------	-------	-------	-------

AMMONT TA' REFERENZA TOTALI

L-appropriazzjonijiet impenn	ta'		a+c	0.000	0.750	0.000	0.000	0.000	0.750
Appropriazzjonijiet ħlas	ta'		b+c	0.000	0.225	0.000	0.525	0.000	0.750

Nefqa amministrattiva mhux inkluża fl-ammont ta' referenza¹⁵

Riżorsi umani u nefqa assoċjata (NDA)		8.2.5.	d	0.059	0.059	0.059	0.059	0.059	0.351
Spejjeż amministrattivi, għajr għal riżorsi umani u spejjeż assoċjati, mhux inklużi fl-ammont ta' referenza (NDA)		8.2.6.	e				0.100	0.100	0.300

Spiża finanzjarja indikattiva totali ta' l-intervent

TOTAL AI inkluża n-nefqa tar-riżorsi umani			a+c+d+e	0.059	0.809	0.059	0.159	0.159	1.401
TOTAL AH inkluża n-nefqa tar-riżorsi umani			b+c+d+e	0.059	0.284	0.059	0.684	0.159	1.401

¹³ Nefqa li ma taqax taħt il-Kapitolu xx 01 tat-Titolu xx ikkonċernat.

¹⁴ Nefqa skond l-Artikolu xx 01 04 tat-Titolu xx.

¹⁵ Nefqa skond il-Kapitolu xx 01 minbarra l-Artikoli xx 01 04 jew xx 01 05.

Dettalji ta' kofinanzjament

Jekk il-proposta tinvolve l-kofinanzjament mill-Istati Membri, jew minn korpi oħra (jekk jogħġbok speċifika liema), għandha tiġi indikata stima tal-livell ta' dan il-kofinanzjament fit-tabella ta' hawn taħt (jistgħu jiżiedu linji addizzjonali jekk huma previsti korpi differenti li jipprovdu l-kofinanzjament):

EUR miljun (sa 3 punti deċimali)

Korp ta' kofinanzjament		Sen a n	n + 1	n + 2	n + 3	n + 4	n + 5 u wara	Totali
.....	f	0.000	0.000	0.000	0.000	0.000	0.000	0.000
AI TOTALI inkluż il-kofinanzjament	a+c+d+e+f							

4.1.2. Il-kompatibilità ma' l-ipprogrammar finanzjarju

- Il-proposta hija kompatibbli mal-programmar finanzjarju eżistenti.
- Il-proposta se tkun tikkonsisti fi programmar mill-ġdid ta' l-intestatura rilevanti fil-perspettiva finanzjarja.
- Il-proposta tista' teħtieġ l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim Interistituzzjonali¹⁶ (jiġifieri strument ta' flessibilità jew revizzjoni tal-perspettiva finanzjarja).

4.1.3. L-impatt finanzjarju fuq id-dħul

- Il-proposta m'għandha l-ebda implikazzjoni finanzjarja fuq id-dħul
- Il-proposta għandha impatt finanzjarju – l-effett fuq id-dħul huwa kif ġej:

NB: Id-dettalji u l-osservazzjonijiet kollha li għandhom x'jaqsmu mal-metodu li bih jiġi kkalkolat l-effett fuq id-dħul għandhom jintwerew f'anness separat.

EUR miljuni (sa punt deċimali wieħed)

Linja tal-baġit	Id-dħul	Qabel l-azzjoni [Sena n-1]	Il-qagħda wara l-azzjoni					
			[Sena n]	[n+1]	[n+2]	[n+3]	[n+4]	[n+5] ¹⁷
	a) Id-dħul f'termini assoluti							
	b) Bidla fid-dħul	Δ						

(Jekk jogħġbok speċifika kull linja baġitarja ta' dħul involuta, u żid l-għadd ta' ringieli xierqa mat-tabella jekk hemm effett fuq aktar minn linja baġitarja waħda.)

¹⁶ Ara l-punti 19 u 24 tal-Ftehim Interistituzzjonali.

¹⁷ Kolonni addizzjonali għandhom jiżiedu fejn mehtieg, jiġifieri jekk it-tul ta' l-azzjoni jaqbez is-6 snin.

4.2. Riżorsi umani FTE (inklużi uffiċjali, staff temporanju u estern) - ara d-dettalji fil-punt 8.2.1.

Rekwiżiti annwali	2009	2010	2011	2012	2013	2014 u wara
Għadd totali ta' riżorsi umani	0.5 A*/AD	0.5 A*/A D	0.5 A*/A D	0.5 A*/A D	0.5 A*/A D	0.5 A*/A D

5. IL-KARATTERISTIĊI U L-GĦANIJIET

5.1. Jeħtieġ li jintlaħaq f'terminu ta' żmien qasir jew twil

Id-Deċiżjoni proposta tipprevedi taħt l-Artikolu 8 li l-Amministratur Ċentrali maħtur bl-Artikolu 20 tad-Direttiva 2003/87/KE għandu jwettaq, permezz tar-reġistru indipendenti ta' tranżazzjonijiet, monitoraġġ ta' kull tranżazzjoni skond din id-Deċiżjoni, u fejn meħtieġ iwaqqaf xi tranżazzjonijiet biex ikun żgurat li ma jkunx hemm irregolaritajiet. Din l-informazzjoni għandha tkun aċċessibbli għall-pubbliku.

Ir-reġistru indipendenti tat-tranżazzjonijiet tal-Komunità jivverifika jekk it-tranżazzjonijiet fir-reġistru huma konsistenti mal-leġiżlazzjoni Komunitarja. Verifiki tal-kriterji ta' Kyoto jsiru mir-Reġistru Indipendenti tat-Tranżazzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti. Fl-assenza ta' ftehim internazzjonali għall-perjodu wara l-2012, ir-reġistru indipendenti tat-tranżazzjonijiet tal-Komunità se jkollu jivverifika l-konsistenza tat-tranżazzjonijiet mal-kriterji Komunitarji kif inniżżel f'din id-Deċiżjoni u biex jissodisfa l-kriterji kollha li jistgħu jiġu introdotti skond ftehim internazzjonali.

5.2. Il-valur miżjud ta' l-involviment Komunitarju u l-koerenza tal-proposta ma' strumenti finanzjarji oħrajn u s-sinerġija possibbli

Biex ikun żgurat li teżisti sistema fil-livell ta' l-UE biex tivverifika t-tranżazzjonijiet kollha għal xi irregolaritajiet taħt il-kriterji stabbiliti fid-Deċiżjoni proposta. Per eżempju, id-Deċiżjoni proposta tippermetti flessibilità permezz ta' tranżazzjonijiet bejn l-Istati Membri tal-kreditu ta' 'emissjonijiet' minn attivitajiet ta' proġetti fil-pajjiżi terzi.

L-infiq operattiv huwa previst f'dik il-parti tal-baġit ta' LIFE+ li hija soġġetta għall-gejstjoni ċentrali diretta.

5.3. L-għanijiet, ir-riżultati mistennija u l-indikaturi relatati tal-proposta fil-kuntest tal-qafas ABM

L-GĦAN

L-għan huwa li jkun żgurat li l-Komunità jkollha garanzija li t-tranżazzjonijiet kollha taħt id-Deċiżjoni proposta jiġu verifikati għal xi irregolaritajiet, biex tkun żgurat il-konsistenza mal-kriterji stabbiliti f'dik id-Deċiżjoni, kif ukoll kwalunkwe kriterju li jista' jiġi introdott fi ftehim ġdid internazzjonali dwar it-tibdil fil-klima.

IR-RIŻULTAT MISTENNI:

Aġġornament tar-reġistru indipendenti tat-tranżazzjonijiet tal-Komunità mill-Amministratur Ċentrali maħtur skond l-Artikolu 20 tad-Direttiva 2003/87/KE biex ikun hemm verifika ta' xi irregolaritajiet tat-trażazzjonijiet taħt id-Deċiżjoni proposta, u kwalunkwe kriterju introdott skond ftehim indipendenti ġdid dwar it-tibdil fil-klima.

Dan ikollu jkun awtomatiku u jiżgura li huwa possibbli li l-informazzjoni rilevanti tkun aċċessibbli għall-pubbliku.

5.4. Metodi għall-implimentazzjoni (indikattivi)

X *Ġestjoni ċentralizzata*

X direttament mill-Kummissjoni

indirettament permezz ta' delega lil:

Aġenziji eżekuttivi

korpi mwaqqfa mill-Komunitajiet kif imsemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament Finanzjarju

korpi nazzjonali tas-settur pubbliku/korpi b'missjoni ta' servizz pubbliku

Ġestjoni maqsuma jew deċentralizzata

ma' Stati Membri

ma' pajjiżi terzi

Ġestjoni konġunta ma' organizzazzjonijiet internazzjonali (jekk jogħġbok speċifika)

Rimarki:

6. MONITORAĠĠ U VALUTAZZJONI

6.1. Sistema ta' monitoraġġ

Il-kuntratti li tiffirma l-Kummissjoni għall-finijiet ta' l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni għandhom jipprovdu għas-superviżjoni u l-kontroll finanzjarju min-naħa tal-Kummissjoni (jew ta' kwalunkwe rappreżentant awtorizzat minnha) u għall-verifiki min-naħa tal-Qorti ta' l-Awdituri, jekk ikun meħtieġ fil-post stess.

6.2. Valutazzjoni

6.2.1. Valutazzjoni ex-ante

Ara l-valutazzjoni ta' impatt mehmuża ma' din il-proposta. L-impatti ekonomiċi, soċjali, ambjentali u ta' saħħa tal-miżuri proposti ġew analizzati.

6.2.2. Miżuri li ttieħdu wara valutazzjoni intermedja/ex-post (tagħlimiet miksuba permezz ta' esperjenzi simili fl-imgħoddi)

Il-bidla proposta tar-reġistru indipendenti tat-tranżazzjonijiet tqis it-tagħlimiet li ttieħdu mill-operat ta' din is-sistema fil-perjodu 2005 sa 2007.

6.2.3. Termini u frekwenza tal-valutazzjoni futura

Il-progress tal-ħidma ta' l-implimentazzjoni ta' din il-proposta u l-adegwatezza tar-riżorsi allokatu jkunu vvalutati kull sena flimkien mal-pjan ta' ġestjoni.

7. MIŻURI KONTRA L-FRODI

L-istandards ta' kontroll intern Nri 14, 15, 16, 18, 19, 20, u 21, u l-prinċipji mniżżla fir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej, għandhom jiġu applikati bis-sħiħ.

8. ID-DETTALJI TAR-RIŻORSI

8.1. L-għanijiet tal-proposta f'termini ta' l-ispiża finanzjarja tagħhom

Approprjazzjonijiet ta' impenn f'EUR miljun (sa 3 punti deċimali)

(Għandhom jingħataw Intestaturi ta' għanijiet, azzjonijiet u riżultati)	Tip ta' riżultat	Spiża medja	2009		2010		2011		2012		2013		2014 u wara		TOTALI	
			Nru. ta' riżultati	Spiża totali	Nru. ta' riżultati	Spiża totali	Nru. ta' riżultati	Spiża totali	Nru. ta' riżultati	Spiża totali	Nru. ta' riżultati	Spiża totali	Nru. ta' riżultati	Spiża totali	Nru. ta' riżultati	Spiża totali
L-GĦAN OPERATTIV: Aġġornament tar-reġistru għall-verifika tat-tranżazzjonijiet taħt id-Deċiżjoni proposta.																
Azzjoni 1 Stabilixxi u żomm reġistru għall-Komunità kollha dwar l-emissjonijiet mhux koperti taħt l-ETS ta' l-UE fir-reġistru indipendenti tat-tranżazzjonijiet kif previst fl-Artikolu 20 tad-Direttiva 2003/87/KE.																
- Riżultat 1	Software				1	0.750									1	0.750
SPIŻA TOTALI					1	0.750									1	0.750

8.2. Nefqa amministrattiva

8.2.1. Għadd u tip ta' riżorsi umani

Tipi ta' kariga		Persunal li għandu jiġi assenjat bit-tmexxija ta' l-azzjoni bl-użu ta' riżorsi eżistenti u/jew addizzjonali (għadd ta' karigi/FTEs)					
		2009	2010	2011	2012	2013	2014+
Uffiċjali jew persunal temporanju ¹⁸ (XX 01 01)	A*/AD	0.5	0.5	0.5	0.5	0.5	0.5
	B*, C*/AST	0	0	0	0	0	0
Persunal ifffinanzjat ¹⁹ bl-Artikolu XX 01 02							
Staff ieħor ²⁰ ifffinanzjat taħt l-Artikolu XX 01 04/05							
TOTALI		0.5	0.5	0.5	0.5	0.5	0.5

8.2.2. Deskrizzjoni ta' kompiti li jirriżultaw mill-azzjoni

- Issorvelja l-istabbiliment u ż-żamma ta' reġistru Komunitarju dwar l-emissjonijiet mhux koperti taħt l-ETS ta' l-UE fir-reġistru indipendenti tat-tranżazzjonijiet kif previst fl-Artikolu 20 tad-Direttiva 2003/87/KE.

8.2.3. Sorsi ta' riżorsi umani (statutorji)

- Karigi attwalment allokat li tmexxija tal-programm li se jinbidlu jew jiġu estiżi
- Karigi allokat minn qabel fi ħdan l-eżerċizzju APS/PDB għas-sena n
- Karigi li se jintalbu fil-proċedura APS/PDB li jmiss
- Karigi li jridu jerġgħu jimtlew permezz ta' riżorsi eżistenti fi ħdan is-servizz ta' tmexxija (tqassim intern mill-ġdid)
- Karigi meħtieġa għas-sena n għalkemm mhumiex previsti fl-eżerċizzju APS/PDB għas-sena kkonċernata

¹⁸ Li l-ispiża tagħhom MHIX koperta mill-ammont ta' referenza.

¹⁹ Li l-ispiża tagħhom MHIX koperta mill-ammont ta' referenza.

²⁰ Li l-ispiża tagħhom hija inkluża fl-ammont ta' referenza.

8.2.4. *Spejjeż amministrattivi oħra inklużi fl-ammont ta' referenza (XX 01 04/05 – Spejjeż ta' ġestjoni amministrattiva)*

EUR miljun (sa 3 punti deċimali)

Linja tal-baġit (Nru u intestatura)	2009	2010	2011	2012	2013	2014 u wara	TOTAL I
1 Għajnuna teknika u amministrattiva (inklużi l-ispejjeż relatati tal-persunal)							
Aġenziji eżekuttivi ²¹							
Għajnuna teknika u amministrattiva oħra							
- <i>intra muros</i>							
- <i>extra muros</i>							
Għajnuna teknika u amministrattiva totali							

8.2.5. *L-ispejjeż finanzjarji tar-riżorsi umani u spejjeż finanzjarji relatati mhux inklużi fl-ammont ta' referenza*

EUR miljun (sa 3 punti deċimali)

Tip ta' riżorsi umani	2009	2010	2011	2012	2013	2014 u wara
Uffiċjali u aġenti temporanji (XX 01 01)	0.059	0.059	0.059	0.059	0.059	0.059
Persunal iffinanzjat bl-Artikolu XX 01 02 (awżiljari, END, aġenti b'kuntratt, eċċ.) (indika l-linja tal-baġit)						
L-ispiża totali tar-riżorsi umani u l-ispejjeż assoċjati (li MHUMIEX inklużi fis-somma ta' referenza)	0.059	0.059	0.059	0.059	0.059	0.059

Kalkolu – Uffiċjali u aġenti temporanji

Is-salarju standard għal uffiċjal 1A*/AD kif previst fil-Punt 8.2.1 huwa € 0.117 m.

²¹ Għandha ssir riferenza għad-dikjarazzjoni finanzjarja leġislattiva speċifika għall-Aġenzija(i) Eżekuttiva(i) kkonċernata(i).

Kalkolu – *L-impjegati iffinanzjati skond l-Artikolu XX 01 02*

Mhux applikabbli

8.2.6. *Nefqiet amministrattivi oħra mhux inklużi fl-ammont ta' referenza*

EUR miljun (sa 3 punti deċimali)

	2009	2010	2011	2012	2013	2014 u wara	TOTAL I
XX 01 02 11 01 – Missjonijiet							
XX 01 02 11 02 – Laqgħat u konferenzi							
XX 01 02 11 03 – Kumitati ²²							
XX 01 02 11 04 – Studji u konsultazzjonijiet							
XX 01 02 11 05 – Sistemi ta' informatika							
2 It-total ta' nfiq ieħor ta' ġestjoni (XX 01 02 11)							
3 Infiq ieħor ta' natura amministrattiva XX.010301 (it- tagħmir taċ-Ċentru tad-Dejta, in-nefqa għas-servizzi u l-operat taċ-Ċentru tad- Dejta).				0.100	0.100	0.100	0.300
Infiq amministrattiv totali minbarra riżorsi umani u spejjeż relatati (MHUX inklużi fl-ammont ta' referenza				0.100	0.100	0.100	0.300

Kalkolu – *Infiq amministrattiv ieħor li mhux inkluż fl-ammont ta' referenza*

Iż-żamma tas-Sistema ta' l-IT fiċ-Ċentru tad-Dejta: € 100 000 kull sena mill-2012. L-ispejjeż inklużi hawnhekk jirrigwardaw iż-żamma tar-Reġistru CITL / Komunitarju mill-Kummissjoni, kif ukoll l-akkwist u ż-żamma ta' l-istrumenti ta' l-IT u l-komunikazzjoni meħtieġa għall-operat komplut tas-sistema. L-ispejjeż li jirrigwardaw l-iżvilupp u ż-żamma tas-sistema huma koperti bil-linja tal-baġit 07 03 07 (LIFE+) – ara t-taqsima 8.1.

Il-ħtiġijiet għal riżorsi umani u amministrattivi għandhom ikunu koperti taħt l-allokazzjoni mogħtija lid-DĠ li jmexxi fil-qafas tal-proċedura għall-allokazzjoni annwali.

²² Speċifika t-tip ta' kumitat u l-grupp li jappartjeni għalih.